# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-13 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 43/2015

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Thomas Cauchi**

**Catherine Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Thomas Cauchi, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 25939G u Catherine Cauchi detentrici tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru: 271241M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u cioe' talli nhar il-25 ta' Novembru, 2010 u fil-granet u x-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa l-fond 269, Triq it-Torri, Sliema, bla hsieb li jisirqu jew li jghamlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, dahlu fi hwejjeg haddiehor u dan meta ghalqu parti mill-bejt ta' l-imsemmija propjeta' b'katnazz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Frar, 2015, li biha wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom u kkundannat lil kull wiehed u wahda minnhom ghal piena tal-multa fis-somma ta' sittin ewro (€60).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Thomas Cauchi u Catherine Cauchi, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u minflok tilliberhom minn kull htija u piena;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti li taw lok ghal vertenza mertu ta' dan l-appell huma pjuttost semplici. L-appellanti, ossia mart l-appellant hija proprejtarja ta' flat fi blokka ta' zewg flats. Il-flat l-iehor huwa okkupat mill-kwerelanti li minghajr avviz ta' xejn sabu katnazz qed jostakola d-dhul taghhom ghal parti tal-bejt sovrastanti z-zewg flats u meta talbu cwievet lill-imputati dawn irrifjutaw. L-appellanti jargumentaw illi l-bejt taz-zewg flats huwa fizikament maqsum b'hajt baxx u kull parti ghandha l-entrata taghha u ghalhekk huma ilhom igawdu mill-pussess esklussiv ta' dik il-parti tal-bejt ghal dawn l-ahhar hamsin sena. Meta ricentement iben il-kwerelant dahal jirrisjedi fil-flat proprjeta tal-istess kwerelant, l-appellanti bdew isibu hmieg u urina tal-klieb fuq in-naha tal-bejt li dejjem qiesu bhala taghhom u ghalhekk installaw katnazz sabiex jipprojbixxu lill-kwerelanti milli jaccedu bil-klieb taghhom fuq din il-parti tal-bejt. Fid-deposizzjoni registrata mill-Perit Legali nominat mill-ewwel Qorti, l-imputati ikkonfermaw li qatt ma taw kopja tac-cavetta tal-katnazz lill-kwerelant;

2. Illi l-ewwel Qorti ezaminat l-fatti mill-ottika tal-gurisprudenza in rigward tal-artikolu 85 u jidher li ma hemm xejn censurabbli dwar il-konkluzzjonijiet taghha. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

3. Minn ezami tal-fatti in speci jirrizultaw sia l-element intenzjonali kif ukoll dak materjali kif ravvizati fl-ingredjenti appena elenkati. F'dan il-kaz, l-appellanti ipprivaw lill-kwerelanti mid-dritt li huma jemmnu li ghandhom fuq l-intier tal-bejt li huwa indiviz u li kull parti ghandha dritt ghall-uzu tieghu. Bit-tqieghed tal-katnazz, kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti, kien hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixxklu mill-godiment jew pussess tal-haga. Skond il-Carrara – *"L atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispette di che non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per sonsenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale" (*Prog Parte Speciale Vol 5 para 2850). Jemergi mill-provi akkwiziti illi l-kwerelant li ppermetta lill-ibnu jibda' jghix fil-flat in kwistjoni kellu il-godiment tal-uzu tal-bejt indiviz *ex contractu* u dan il-godiment kien arbitrarjament mcahhad mill-appellanti ghaliex da parti taghhom jemmnu illi minn hafna snin ilu kellhom l-pussess esklussiv ta' dik il-parti tal-bejt. Dan l-agir jinkwadra perfettament fir-reat ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali;

4. Illi ghalhekk l-aggravju tal-appellanti li la darba kellhom l-uzu esklussiv ta' dik il-parti tal-bejt li qatt ma kienet fil-pussess tal-kwerelanti ma jistghax isib akkoljiment minn din il-Qorti;

5. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.